A.L. 82 ta' l-1992

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' l-Aghsafar u ta' Fniek Selvaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 214 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' l-Agħsafar u ta' Fniek Selvaġġ, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1980 dwar il-Protezzjoni ta' l-Agħsafar u ta' Fniek Selvaġġ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejha "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 68 ta' l-1980.

Jemenda it-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu dawn il-lokalitajiet li ġejjin:—

"16. Sa 500 metru mill-konfini tas-Simar, fir-Ramla tal-Pwales, San Pawl il-Baħar.

17. Sa 500 metru mill-konfini tal-bur salmastru f'Tal-Ballut, Marsaxlokk.".